Kumitat Amministrattiv Swatar.
Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida
Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

# MINUTI
# Kumitat Amministrattiv Swatar.

## Laqgħa Numru 27
## It-Tlieta 10 ta' Jannar 2017

Il-Kumitat Amministrativ Swatar ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fil-6.00p.m.

## Preżenti:

Matthew Mangion
Emanuel Galea
Owen Patrick Attard
Jimmy Zahra

## Assenti b'apoloġija (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Deborah Galea

## Assenti

## Uffiċjal preżenti:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Ic-Chair Person Matthew Mangion ippresieda l-laqgħa.

### 27.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;

27.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella ippreżenta u qara l-ittri ta’ apoloġija. il-Viċi Chair person Deborah Galea talbet li tkun skużata minħabba raġunijiet relatati ma' xogħol

### 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

27.2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella il-minuti ta’ Seduta Nru 26 ttieħdu bħala moqrija.

27.2.02 il-minuti ġew approvati unanimament.

### 27.3 Komunikazzjoni mic-Chair Person;

27.3.01 Ic-Chair Person Matthew Mangion ta' spjega l-għala ma sarux il-laqgħat dawn l-ahhar xhur u għarraf lill-membri li saret sejħa biex jinħatar Segretarju Eźekuttiv gdid.Hawn kompla għarraf lill-membri li sakemm jitlesta dan il-proċess is-Segretarju Eźekuttiv ta' L-Imsida is-Sur Alan Vella talab u ġie approvat mid-Direttur is-Sur Adrian Mifsud biex isejjaħ il-laqgħa ħalli tkun tista' tkompli il-ħidma tal-Kumitat Amministrattiv Swatar.

### 27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-membri;

27.4.01 Is-Sur Owen Patrick Attard staqsa dwar il-pjan ta'Traffic manegment fis-Swatar.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella staqsa jekk hux min naħa ta'L-Imsida jew Birkirkara. Hawn kompla jispjega li ġie mgħarraf b'xi proposti mill-Kunsill lokali Msida iżda mhux fid-dettal u li se jieħu nota biex jiċċekkja u jgħarraf lill-membri tal-Kumitat f'seduta oħra dwar xi żviluppi.

27.4.02 Is-Sur Owen Patrick Attard staqsa jekk hux ser issir il-laqgħa dwar il-pjan ta'Traffic manegment propost fis-Swatar mill-Kunsill lokali ta'Birkirkara.
Is-Sur Matthew Mangion wieġeb li l-ġurnata ta'qabel attenda l-laqgħa tal-Kunsill lokali Birkirkara u ma s-semma xejn dwar traffic manegment fis-Swatar u lanqas ma' s-semma xejn dwar posponiment tal-laqgħa.
Is-Sur Owen Patrick Attard ħa jieħu ħsieb jiċċekkja u javża lill-Matthew Mangion.

### 27.5 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv li jkunu meħtieġa;

27.5.01 Is-Sur Matthew Mangion għarraf lill-membri li sa fl-aħħar wara tant snin mixtieqa infetħet spiżerija fis-Swatar.

27.5.02 Is-Sur  Owen Patrick Attard talab biex teħel bozza fi Triq Ġorġ Borg Birkirkara spjega li din trid issir bejn Triq is-Sisla u Triq ta' Charles bar.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li din trid issir applikazzjoni mill-Kunsill lokali ta'Birkirkara jekk ikollu l-indikazzjoni u ritratti ta' fejn trid teħel din il-bozza jista' jikteb lis-Segretarju biex il-kunsill ta' Birkirkara ikun jista' japplika.

27.5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella għarraf lill-membri preżenti li-kienet se tkun preżenti is-Sindku tal-Kunsill lokali Msida Margaret Baldacchino Cefai biex twassal il-proposta ta' pjan dwar il-playing field fis-Swatar, iżda din inqabdet fuq impenn ieħor u għada kif komunikat miegħu li mhux se tlaħħaq tiġi. Is-Sindku talbitu biex jippreżenta fuq il-mejda l-pjanti u jispjega x xogħol u l-pjan biex il-football pitch jinbidel f' Open Gym.Hawn kompla jispjega li dan kien sors ta' ħafna ilmenti mir-residenti minħabba storbju tard mal-lejl.

Is-Sur  Matthew Mangion staqsa fuq il-kameras biex jara jekk ir-recorder jistax jinżel il-Kunsill flok fil-kamra fejn qiegħed ħalli jkun jista' issir moniterag ahjar.hawn kompla jispjega li jaqbel mal-pjan iżda hemm bżonn li jiżdiedu l-kameras u stqarr li tkun ħasra li wara li dan ikun lest jgħaddu sentejn jew tlieta u nibdew nerġgħu nitkellmu fuq pjan ta'xogħol ġdid biex nirranġaw.

Is-Sur  Owen Patrick Attard issuġġerixxa li r-reċint għandu ikun tal-metall u mhux plastik bħal ma huwa issa kollu mkisser. Hawn kompla jispjega li hija ħasra li jittnehha l-grawnd tal-football iżda jifhem iċ-ċirkostanzi  li wassal ir-residenti jagħmlu ilmenti minħabba l-storbju
Is-Sur  Matthew Mangion awgura li l-stat ta'indafa jinżamm.

27.5.04 Is-Sur  Jimmy Zahra Staqsa għala weħlet tabella ta'CCTV Kameras  go Triq Is-Sisla u imbagħad ma hemmx kamera,hawn kompla jispjega li hu bla sens li tgħid li hemm il-kameras u ma tkunx qeda hemm u iħoss li qed ngħaddu in-nies biż-żmien.

Is-Sur  Matthew Mangion wieġeb li dawn l-avviżi iservu ta'deterrent u mhux  ħa jwaqqfu l-abbużi għal kollox. Hawn semma il-facebook kif qed jesponi ċertu abbużi u huwa mezz ta' kif dawn in-nies mxandra jingħarfu u anke f' ċertu każi jiġu rappurtati. Hawn kompla jispjega kif il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara għandu pjan biex ikompli iżżid il-kameras ħalli iservu ta'deterrent.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li ħa jiċċekkja ma' Segretarju Eźekuttiv ta'Birkirkara kif u meta qed tintuża l-kameras go Triq Is-Sisla .

27.5.05 Is-Sur  Matthew Mangion qal li ra xi kumment dwar pot hole f-Triq Maestro G.Busuttil B'Kara
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li se jiċċekkja fuqha.
Is-Sur  Matthew Mangion qal li ma hemmx għalfejn għax daħal kumment ieħor li din saret.

27.5.06 Is-Sur  Jimmy Zahra staqsa fhiex wasal l-arblu tad-dawl fejn il-Bring in Site go Daħlet is-Swatar.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella talab għal aktar dettalji ħa jiċċekkja.

Is-Sur Jimmy Zahra spjega li din suppost saret applikazzjoni biex issir arblu tad-dawl għax huwa mudlam ħafna iżda sa issa ma sarx.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wieġeb li ra x applikazzjonijiet pendenti iżda dan ma jirriżultax magħhom.
Is-Sur Jimmy Zahra qal li hemm bżonn issir xi haġa għax l' uniku żmien l' ikun hemm dawl huwa f' żmien il-milied meta jeħel il-fustun.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella wieġeb li ha jieħu ħsieb jara x seta' gara u jagħraf f' seduta l' imiss.

27.5.07 Is-Sur Jimmy Zahra ilmenta li ma jafx għala jeżisti il-kumitat Amministrattiv għax kull meta issir laqgħa dejjem jirrepetu l-stess affarijiet Traffik Maneġment ,dawl, Skart u qiesu qatt ma' xi ħadd miż-żewġ kunsilli jagħti każ.

Is-Sur Matthew Mangion wieġeb li l- Kumitat Amministrattiv ma' jridx ikun negattiv u ma jistax jgħid li qatt ma sar xejn. Huwa vera li jista' issir iżjed biex dawn l-affarijiet jirranġaw iżda anke fejn jidħol finanzjament dawn ma jagħtix lok għal żviluppi kbar.
Is-Sur Jimmy Zahra spjega li hu ma jistax jifhem kif is-Swatar baqa' Hamlet maqsum u irridu nittallbu ma żewġ kunsilli lokali meta dan suppost għandu popolazzjoni ta' aktar min 3000 iżjed mill-Mdina u din għanda Kunsill Lokali u allokazzjoni għalija.

Is-Sur Matthew Mangion wieġeb li ideat hemm iżda dawn ma' jiddependix biss mill-Kunsilli iżda anke mill-periti. Hawn spjega li jaqbel kieku Is-Swatar ma' jkunx maqsum bejn żewġ Kunsilli lokali biex jikkontrollaw in-nefqa fuq xogħol li għandu issir għax ma' hemmx koordinazzjoni ugwali biex dan jitqassam mas-Swatar. Hawn kompla jispjega li minkejja laqgħa li saret apposta għal-Hamlet ma' Mark Sant din kellha attendenza fqira. Waqt il-laqgħa ġie diskuss kif jirrizulta li kunsill wieħed biss ghamel suċċess fuq fondi u xogħol minħabba li kien hemm ċirkostanzi favoreboli.Jidher li hemm bzonn li issir revizzjoni tal-Hamlet u titiehed decizjoni jekk dawn ghandhomx uzu effetiv jew le.

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella spjega li hafna mill-problemi jistghu jigu solvuti billi l-membri jaghdu ilmenti u jirrapportaw mal-ewwel u ma joqghdux jisstennew il-laqgha l'imiss.Hawn kompla jispjega is-sistema ta' customer care kif ganda tithaddem u dak li jista jaghmel il-kunsill jaghmlu u fejn jistgha jaghdi l' ilment lill-awtoritajiet jekk dawn ma jkunx jista jaghmilhom il-Kunsill.Importanti li min jaghmel ilment jigi mgharraf x qed jigri u jibqa jigi mgharraf sakem il-problema tissolva.

27.5.08 Is-Sur Jimmy Zahra tkellem fuq il-problema fejn l-Sptar Materdei qed ikun hemm kongestjoni u perikli ta' kulljum

27.5.09 Is-Sur Jimmy Zahra tkellem fuq Triq it-Torri ma' naħa ta' Birkirkara qed isservi ta'parkeġġ u messa tinfetaħ.
Is-Sur Emanuel Galea qal li go Triq Maestro Busuttil Kantuniera ma Triq P Borg Olivier kien twaqqa ċint li hu daħla għal go għalqa biex daħlu makkinarju ħalli ikun jista' issir ix-xogħol iżda dan issa lest u tħalla kollox kif inhu.

27.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li se jikteb lis-Segretarju Eźekuttiv ta'Birkirkara u jara l' issir rapport uffiċjali lill-MEPA.Hawn għarraf lill-membri li hemm sit fejn jista' kulħadd faċilment jagħmel ilment mal-MEPA.

27.5.11 Is-Sur Emanuel Galea qal li għal ħafna żmien go Triq Is-Sissla hemm biċċa li qed tintuża bħala dumping zone biex forsi tiġi rranġata.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li se jikteb lis- Segretarju Eżekuttiv ta'Birkirkara biex jara x jista' issir u talab għal xi ritratti ħalli ikun jista' jibgħathom ukoll

**27.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

27.6.01 Il-laqgħa intemmet 20:00 ta' filgħaxija ġiet aġġornata għat Tnejn 13 ta'Frar 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 13 ta' Frar 2017

IFFIRMATA

Matthew Mangion
Chairperson

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv